# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.6

**Kap 1: Jien u l-Oħrajn**

**Lezzjoni 1.6 - Kont Bil-Ġuħ u Tmajtni**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

- Jidentifikaw kif kienu jimxu ma' xulxin u mal-barranin il-Maltin ta' qabilna.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Kant: *Sharing*

https://www.youtube.com/watch?v=tShVolofZ_4

- Taħriġ Addizzjonali: Kont bil-ġuħ u tmajtni

- Tpinġija: Pawlu f'Malta

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu .

1. Fakkar l-istorja fil-lezzjoni ta' qabel Frott Ħelu. Enfasizza li *t-tfal tal-istorja skoprew li aktar ma bdew iqassmu l-frott, aktar bdew iħossuhom ferħanin.*
2. Enfasizza li aħna l-Maltin magħrufa għall-qalb ġeneruża tagħna. Matul is-sena niġbru ħafna flus biex ngħinu lil min hu marid (Puttinu Cares, Dar Tal-Providenza) u għall-missjoni wkoll. Iżda qabel kellna l-*Community Chest Fund,* in-nanniet tagħna kienu qalbhom tajba ma' xulxin?



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Aqra t-Taħriġ Addizzjonali 1.6.
2. Spjega kif dan id-djalogu jeħodna fi żmien il-gwerra, meta l-faqar kien iħeġġeġ lill-Maltin jaqsmu l-ftit li kellhom ma' xulxin. Fl-Atti tal-Appostli, fit-Testment il-Ġdid, propju meta San Pawl ġie Malta, il-Maltin urew kemm kienu ġenerużi mal-barranin. L-istorja tgħidilna li l-Maltin taw lil Pawlu u 'l sħabu kenn sakemm damu Malta.
3. Itlob lit-tfal jagħtu l-kulur lill-istampa ta' Pawlu f'Malta.
   - Spiċċa l-lezzjoni billi t-tfal ikantaw flimkien : *The Sharing song.*



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-Maltin minn dejjem kienu ġenerużi ma' xulxin.
2. Missirijietna batew il-faqar u kienu jaqsmu dik il-loqma li kienu jsibu.
3. Illum nibet ħafna l-għarfien li nagħtu donazzjoni lill-marid u lill-batut. Hija xi ħaġa pożittiva li ħafna familji jagħtu ħwejjeġ u kutri lill-immigranti irregolari jew jibagħtuhom barra meta jinqala' xi diżastru naturali.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal juru li jagħrfu li fid-dinja kulħadd jista' jiġi bżonn ħaddieħor.
2. Kif missirijietna għaddewlna l-valur tal-ġenerożità, huma jaħdmu biex juru solidarjetà ma' min għandu bżonn.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

**Song : *Sharing***



https://www.youtube.com/watch?v=tShVolofZ_4

## Nitolbu

Mulej, agħmel li qatt ma ngħaddi min quddiem xi ħadd b'ħarsa indifferenti. Inti stess tgħallimna : dak li tagħmlu mal-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu qed tagħmluh miegħi.